



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0136(COD)

9980/1/20
REV 1 ADD 1

CADREFIN 186
RESPR 48
POLGEN 129
FIN 518
CODEC 700
PARLNAT 135

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Diċembru 2020

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' proposti dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (QFP). Il-pakkett leġiżlattiv kien fih proposta għal Regolament ġdid tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri bl-Artikolu 322(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika bħala bażi ġuridika.
2. Fit-12 ta' Lulju 2018, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri adottat opinjoni dwar il-proposta¹.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-4 ta' April 2019.
4. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew daħlu f'negozjati f'Ottubru 2020 bil-ħsieb li jintlaħaq qbil bikri fit-tieni qari. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fil-5 ta' Novembru 2020 bil-Parlament Ewropew u l-Kunsill jilħqu qbil proviżorju dwar test ta' kompromess.
5. Fit-12 ta' Novembru 2020, il-Presidenti tal-Kumitati għall-Baġits (BUDG) tal-Parlament Ewropew u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) indirizzaw ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjaraw li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment il-pożizzjoni tiegħu lill-Parlament Ewropew kif maqbula, soġġetta għal verifika mill-ġuristi lingwisti, huma jirrakkomandaw lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament.
6. Fis-16 ta' Novembru 2020 il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess tar-Regolament, kif kien ġie maqbul miż-żewġ istituzzjonijiet.

¹ Dok. ST 11707/18 - ĠU C 291, 17.8.2018, p. 1

II. OBJETTIV

7. Mill-eżitu tan-negozjati jirriżulta li r-Regolament għandu l-għan li jistabbilixxi reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni meta ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fi Stat Membru jaffettwa jew jirriskja serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'mod suffiċjement dirett.
8. Dan il-mekkaniżmu jiżgura li kwalunkwe miżura meħuda tkun proporzjonata, u jipprovdi għodod biex tissaħħaħ il-protezzjoni tar-riċevituri jew tal-benefiċjarji finali.
9. Il-proċedura għall-adozzjoni u t-tneħħija tal-miżuri tkun tirrispetta wkoll il-prinċipji tal-oġġettività, in-nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali tal-Istati Membri u jenħteġ li titwettaq b'approċċ mhux partiġġan u bbażat fuq l-evidenza. B'mod partikolari, kwalunkwe Stat Membru kkonċernat mill-proċedura li twassal għall-adozzjoni possibbli ta' miżuri jkollu l-opportunità li jipprovdi l-osservazzjonijiet tiegħu dwar is-sejbiet, li jipproponi miżuri ta' rimedju, u li jippreżenta osservazzjonijiet dwar il-proporzjonalità tal-miżuri previsti.
10. Is-setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni u t-tneħħija tal-miżuri jingħataw lill-Kunsill li għandu jaġixxi abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Punti ġenerali

11. Wara l-vot fil-plenarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprova kif kienet. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess milħuq bejn il-koleġiżlaturi.

B. Kwistjonijiet ewlenin

12. L-elementi ewlenin tal-kompromess milħuq mal-Parlament Ewropew huma deskritti hawn taħt:
- ġiet iċċarata u msaħħa n-natura ta' dan il-mekkaniżmu b'rabta mal-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;
 - ġew speċifikati aħjar il-kondizzjonijiet għall-adozzjoni tal-miżuri;
 - żdiedet il-protezzjoni tar-riċevituri u tal-benefiċjarji finali;
 - ġie definit rwol speċifiku għall-Parlament Ewropew;
 - ġie estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri biex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità japplika għar-riżorsi allokat permezz ta' Next Generation EU u meta l-baġit tal-Unjoni jiġi implimentat permezz ta' self u strumenti oħra ggarantiti mill-baġit tal-Unjoni;

- ittejbet l-effiċjenza tal-proċeduri għall-adozzjoni jew it-tneħħija tal-miżuri;
- ġew stabbiliti l-adozzjoni u t-tneħħija ta' miżuri permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni;
- ġiet introdotta klawżola ta' rappurtar ġdida wara tliet snin.

IV. KONKLUŻJONI

13. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti kompletament il-kompromess milħuq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitati mill-Kummissjoni. Dan il-kompromess hu kkonfermat bl-ittra tal-Presidenti tal-Kumitati BUDG u CONT indirizzata lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-12 ta' Novembru 2020.
-